17 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Gatt et. *versus* Grazia Spiteri

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Sajd — Hanut**

*Fond fejn tiġi eżerċitata l-arti jew is-sengħa tas-sajd, billi jitqiegħdu id-dgħajjes adibiti għas-sajd, l-ordenji tas-sajd, u anki jissewwew in-nasses, u jitqiegħdu ukoll il-ħut sakemm jinbiegħ, huwa protett mill-liġi tal-kera bħala ħanut; u dak l-użu tal-fond hu ostativ għad-domanda tas-sid biex jieħu lura taħt idejh dak il-fond.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha dwar l-inċident ta' l-appellabilità, mogħtija fid-29 ta' April, 1955, u riportata in kopja fol. 27 ta' l-inkartament;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri fil-meritu;

Ikkunsidrat;

L-ewwel punt li għandu jiġi eżaminat hu jekk l-appellata biddletx "marte proprio" id-destinazzjoni tal-fond "de quo", fis-sens li minn post li, skond l-allegazzjoni ta' l-appellanti, ġie lilha mikri għall-abitazzjoni u villeġġjatura, hija ttrasformata f'post adibit biex jitqiegħdu fih dgħajjes u ordenji oħra tas-sajd, u anki ħut biex jinbiegħ;

Fin-nota tar-riljevi tal-konvenuta fol. 15, u fid-dibattitu quddiem din il-Qorti, intqal li l-appellant Vincenzo Gatt ammetta, permezz ta' l-Avukat Dr. Masini, li dan il-fond kien "ħanut" fis-sens tal-liġi, u li għalhekk il-kawża preċedenti, vertita bejn l-istess partijiet, kienet ġiet ċeduta;

Din l-osservazzjoni mhix korretta. Il-proċess l-ieħor, li għalih saret riferenza fol. 2 u 4 ta' dan il-proċess, hu dak numru 50 ta' l-1952 fl-istess ismijiet b'istanza identika għal dik preżenti, u ċedut quddiem il-Board tal-Kera fit-3 ta' Novembru, 1952. Hu veru li fol. 1 tergo, numerat fil-volum fol.

368 *tergo*, hemm *dikjarazzjoni* minn Dr. Masini fis-sens li l-fond "de quo" kien iservi għall-eżerċizzju tas-sengħa tal-familja ta' l-intimat; imma f'dik l-okkażjoni Dr. Masini ...... Għalhekk ebda argument ma jista' jittieħed minn dik id-dikjarazzjoni u ċessjoni;

Ikkunsidrat;

Mill-provi ma jirriżultax li kien hemm kambjament tad-destinazzjoni tal-fond. Għalkemm f'dan il-proċess tal-lum l-appellant Vincenzo Gatt xehed ...... eppure fil-proċess ta' qabel l-istess appellant kien qal ...... Minn naħa l-oħra jirriżulta li l-fond ilu jiġi użat għas-sajd minn aktar minn ħamsin sena. Dan l-użu, kif jidher mix-xhidiet, kien "palam", u fil-fond kien ikun hemm dgħajjes, nasses, ordenji oħra tas-sajd, u jitpoġġa fih ukoll il-ħut sakemm jinbiegħ. In-nies ġie li jixtru l-ħut minn hemm. L-inġenji tas-sajd jissewwew fil-post;

*Omissis;*

Għalhekk, ma ġiex pruvat li l-appellata biddlet id-destinazzjoni tal-fond;

Issa, il-liġi *in materja* — Kap. 109 Ediz. Riv. — tikkomprendi fid-definizzjoni ta' ħanut anki ...... "fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti jew sengħa";

Għalhekk lanqas hemm bżonn li l-ġudikant jidħol fil-kwistjoni jekk is-sajjied huwiex jew le kummerċjant. Infatti, anki jekk f'dan il-każ hemm biss eżerċizzju sempliċi *ta' arti jew sengħa*, bla ma hemm impriża bi spekulazzjoni u alea ta' materjal u ta' impjegati, *hemm dejjem* post li fih qegħedha *tiġi eżerċitata* l-arti *jew sengħa tas-sajd*. *Infatti*, mix-xhidiet *mismugħa* jirriżulta li f'dan il-post qiegħed jiġi eżerċitat il-mestier tas-sajd bil-fatt li jitqegħdu fih id-dgħajjes adibiti għas-sajd, l-ordenji tas-sajd, li sa anki jissewwew fil-post in-nasses, u jitqiegħed ukoll il-ħut sakemm jinbiegħ;

Dan l-użu tal-fond hu, b'liġi, ostativ għad-domanda;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata, *bl-ispejjeż kontra* l-appellanti, meno dawk ġa provduti fis-sentenza tad-29 ta' April, 1955.